Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 18

Il- Ħamis 18 ta' Diċembru 2025

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-10.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Maryann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-10.22am

**19.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

19.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija.

**19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

19.2. Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tmintax il- Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

19.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**19.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

19.3.1 Is- Sindku qal li hekk kif waslet biex tintemm s-sena, huwa xtaq jirringrazzja lil Kunsilliera u s- SE tal-ħidma tagħhom matul s-sena. Fl-opinjoni tiegħu kienet sena ta' ħidma pozittiva fejn għalkemm xi proġetti kapital qed jieħdu ftit fit-tul minħabba esigenzi li ma għandnix kontroll fuqu pero' s-sena d-dieħla, x-xogħol kollu ta' din is-sena ser isarraf f' proġetti li ser ikompli itejjeb il-kwalita' tal-lokalita' kif ukoll tar-residenti tagħna.

19.3.2 Is- Sindku talab li għas-sena d-dieħla jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-*horseshed* kif ukoll li l-Kunsill jibda jaħseb biex ikollu għal milied presepju ġdid minflok dak li hemm ezistenti ġewwa Pjazza San Publiju.

19.3.3 Is- Sindku xtaq juri l-apprezzament tiegħu għas-suċċess li kellu l- Kunsill ġewwa Caltagirone b'rabta mal-Proġett La Via Del Barocco permezz tal-European Project CERV.

**19.4 Performance Bonus għas-Sena 2025 tal-Ħaddiema Klerikali**

19.4.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2025 fir-rigward tas- Sna Clare Camilleri, impjegata tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament li s- Sna. Camilleri tingħata performance bonus ta' 10%.

19.4.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu r-rapporti tal-Performance Bonus għas-sena 2025 fir-rigward tas- Sna. Alexia Mallia, impjegata tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament li s- Sur Scicluna tingħata performance bonus ta' 10%.

**19.5 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

19.5.1 Malta Classic- Ittra b'rabta mal-Mdina Grand Prix 2026 fejn bgħatu jinfurmaw lil Kunsill li d-dati ta' dan l-avveniment ser isiru bejn 3 u l-4 ta' Ottubru 2026. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa ma' l-organizzaturi qabel ma tinħareġ no objection.

19.5.2 DLG- B’rabta ma l-emendi li saru mill-Kunsill biex tiġi riveduta l-Bye Law dwar l-Uzu ta’ faċilitajiet huma bgħatu jinfurmawna li tali- emendi f’dak li jirrigwarda “ street performers” ma tistax tiġi inkluza f’din il-Bye Law. Għaldaqstant il-Kunsill talab lis- SE biex jinfurma lil Avukat tal-Kunsill biex jibda l-proċess ta’ Bye Law għal dak li jirrigwarda dawn il-performers ġewwa l-Mdina.

19.5.3 Omenaart Foundation- Talba biex Casino Notabile tiġi creata bħala spazju kulturali. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa ma’ din l-organizzazzjoni.

19.5.4 MAFA- Talba għal *no objection* b’rabta ma’ l-Mnarja 2026. Il-Kunsill approva.

19.5.5 Clare Camilleri- Talba biex tmexxi il- vacation leave li baqala ta’ 29.5 hrs għal 2026. Il-kunsill approva.

**19.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti**

19.6.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li jġibu d-data tal- 18 ta’ Diċembru 2025 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta’ € 32,973.60

19.6.2 L-iskedi ta’ ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

19.6.3 Is-SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra kwotazzjonijiet b’rabta max-xiri ta’ dust bins parti b’fondi ffinanzjati mir- Reġjun Punent. Il-Kunsill għazel il-kwotazzjoni ta’ 360 Supplies Ltd peress li kienu l-irħas offerta u ta’ kwalita tajba.

**19.7 Tmiem tal- Laqgħa**

19.7 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 11.03am u ġiet aġġornata għad- 9 ta’ Jannar 2026 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___9 ta’ Jannar 2026__